**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU SBATAX**

**24ta' SETTEMBRU, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Jeremy Coleiro.

**SKUŻAT**
Il-Kunsillier is-Sur Daniel Muscat

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **17.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 17.1.1 | | Il-Kunsill fl-aħħar seduta kien infurmat li l-Kunsillier Daniel Muscat ma setgħax jattendi minħabba li jinsab imsiefer. |
| | | |
| **17.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 17.2.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li fi Triq Bronja hemm tabelli/mirja fuq pole li jinsabu mal-kurduna minflok mal-parapetti tan-nies. Għalhekk irid li anke il-mera li talab issir b'dak il-mod. |
| | | |
| 17.2.2 | | Il-minuti numru 16 ġew approvati. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***17.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 17.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Prosit lill-Orkestra Żurrieq fuq l-attivita li tella l-Kunsill. Dnub li 3 kunsilliera biss kienu preżenti għall-attivita.<br>• Nhar is-Sibt 27 ta' Settembru, filgħodu ser ikollna il-clean up.<br>• Fl-4 ta' Ottubru ser isir il-qtugħ taż-żebbuġ<br>• Kellha laqgħa mas Sur Mauro Pace Parascandalo fuq il-VOs, u kien hemm preżenti ukoll il-Kunsillier Marisa D'Amato, għax l-orkestra Żurrieq jridu li jkunu NGO. Jekk isiru NGO l-orkestra ma tibqax tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li ġaladarba l-orkestra, bdieha l-Kunsill Lokali, il-Kunsill m'għandux ineħħieha minn taħt il-kappa tiegħi. Il-Kunsill dejjem ta l-massimu tiegħu lill-orkestra u ma kienx hemm qbil li ssir NGO. Jekk il-persuni involuti fl-Orkestra Żurrieq, jibqgħu jinsistu li jsiru NGO, dan għandhom jagħmlu waħidhom u l-istrumenti u l-affarijiet li xtara l-Kunsill, jibqgħu propjeta tal-Kunsill.<br>• Tkellmet ma sid il-barumbara, għax kellu ċitazzjoni. Dan ir-rapport ma sarx mill-Kunsill Lokali. Ġiet infurmata li l-barumbara tinsab f'konvenju biex tinxtara.<br>• Kellha laqgħa mas-Sur Mark Cutajar minn Sports Malta u mal-Perit Anthony Bezzina, biex jagħtu l-għajnuna tagħhom minħabba l-pixxina li l-Kunsill irid jagħmel fis-sit ta' Triq Gervase Matthew. Ser issir laqgħa oħra mal-Ministri ikkonċernati biex jiġi approvat l-għajuna li jistgħu jagħtu f'dan il-proġett.<br>• Kellha laqgħa mas-Sur Gorg Zahra, fuq il-karnival tat-12 ta' Frar li ser isir fiż-Żurrieq.<br>• Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill jagħmel pavaljun bl-arma taż-Żurrieq u jintuża fiż-żewġ festi. Kien hemm qbil li s-Sindku tkellem lill-għaqdiet ħalli tieħu stima u tibda taħdem fuq il-pavaljun. |
| | | |
| 17.3.2 | | F'dan il-ħin is-Sindku laqgħat rappreżentanza taż-Zurrieq Wolves. Dawn kienu peljers tal-futbol veterani. Huma irringrazzjaw lill-Kunsill tas-sapport li tahom. Dawn il-persuni marru Amsterdam u rebħu fil-logħob li lagħbu. F'Mejju 2026, ser ikunu l-pejers ta' Amsterdam li jiġu Malta. Dawn preżentaw tifkira lill-Kunsill u ittieħdu ritratti tal-okkażjoni. |
| | | |
| ***17.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 17.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li :<br>• persuna għandha żewġ siġar taż-żebbuġ li qed jagħmlu ħsara fir-residenza tiegħu li jinsabu fi Pjazza Lazzru. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tali siġar kienu inżabbru imma l-persuna trid li tali siġar ma jibqgħux imħawla fil-post. Kien hemm qbil li jekk ir-resident iġib ittra mill-perit tiegħu li tali siġar qed jagħmlu l-ħsara, l-ittra tintbagħat lill-ERA għall-approvazzjoni biex jitneħħew.<br>• Issir sleeping policeman fi Triq Wied Fulija minħabba li qed itajru l-qtates. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Triq it-Taħħan fejn il-Mitħna tax-Xarolla, hemm persuna b'marda terminali li għandha bżonn reserved parking temporanju. Il-Kunsill qabel li din il-persuna diġa għandha parkeġġ riservat għalihom. |
| | | |
| 17.4.2 | | Il-Kunsillier Jeremy Coleiro qal li :<br>• hemm bżonn jitneħħa dak ix-xifer ta' taħt il-bankina fi Triq P P Saydon. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol ser isir għada.<br>• Biex is-sleeping policeman fi Triq il-Bronja titranġa u jsir xi ħaġa biex ma tibqax għolja. Kien hemm qbil li dan il-punt tressaq diversi drabi u ma kienx hemm qbil. Ġie innutat li tali sleeping policeman m'għadiex għolja minħabba li tbaxxiet bil-volum ta' vettturi li jgħaddu minn fuqha. Intalab ukoll li jisiru traffic lights fuqha. Il-Kunsill ma jistgħax jagħmilhom għaliex it-triq għadha taħt garanzija |
| | | |
| 17.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li:<br>• darba fix-xahar ser tibda issir Open Day fil-Cat Cafe, biex anke jilqgħu donazzjonijiet. L-ewwel waħda ser issir ser tkun fit-12 ta' Ottubru.<br>• Tkellmet mal-kuratur tal-Mitħna tax-Xarolla, fejn qed tiġi esperjenzata vandaliżmu. Jeħtieġ li jsiru CCTV aktar ċari li jingħarfu n-nies. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Hemm bżonn li jsiru toilets fejn il-Mitħna tax-Xarolla. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terġa titkellem mal-Cleansing Department, għalix kienu wegħdu li x-xogħol jistgħu jagħmluh huma.<br>• Tintbagħat email lill-Ministeru tal-Kultura biex il-katakombi jiġu protetti mill-elementi tat-temp u jsir studju ġeoloġiku mis-sovratendenza fuq l-akwata tal-u li forsi jista jinħatar kuratur għall-istess katakombi . Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issuġġeriet biex issir ġurnata sportiva, fejn jiġu organizzati diversi dixxiplini sportivi f'Wied Fulija. Kien hemm qbil li Sports Malta tista tgħin fir-rigward. Kien hemm qbil li dan għandu jkun item fuq l-aġenda li jmiss.<br>• Iż-Żurrieq ġie nnominat għal-Animal Awards. |
| | | |
| 17.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• fi Triq il-Karmnu hemm ħafna ħmieġ tal-qtates ta' persuna li qed joħorġulha mill-propjeta tagħha. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-qtates ma jistgħux jinġabru mingħajr il-permess tas-sid. Kien hemm qbil li dawk il-qtates li jinqabdu jiġu msewwija u jittieħdu fil-cat café. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Marisa D'amato titkellem mas-sid biex tinfurmha biex jibdew jinqabdu.<br>• Culverts biex jitnaddfu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet tkellmet ma' Cleansing Department fuq dan.<br>• Hemm bżonn li jinxtraw pjanti biex jitpoġġew ġol-pots li jinsabu vojta.<br>• L-arbli li hemm il-lampi fuqhom fi Triq P P Saydon,xorta baqgħu jitwaħħlu tabelli fuqhom. Kien hemm qbil li dawn jiġu mnaddfa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa, hemm bżonn li jsir il-manutenzjoni u refurbishing tajjeb fih. Hemm bżonn li jsir aktar żbir ta' siġar. Issir tip ta' ċangatura biex il-bankijet ma jibqgħux għoljin. Jinbidel il-vultaġġ tad-dawl tal-ġnien.<br>• L-arbli li hemm f'nofs il-bankina fi Vjal l-Indipendenza – hemm bżonn li l-awtoritajiet ineħħuhom għax dejjem insemmu l-inklużjoni u mhux jagħtu każ tal-persuni li jridu jużaw il-bankina mingħajr xkiel.<br>• Hemm bżonn li f'Misraħ Repubblika jitqawwa ukoll il-vultaġġ tal-lampi għax tinsab mudlama. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 17.4.4 | | Il-Kunsillier Marilyn Sammut qalet li:<br>• Qed isir l-istorbju waqt li qed isir il-proġett f' Misraħ il-Karmelitani. Is-Sindku qalet li qed jaħdmu sas-19:00 biex jilħqu jlestu sal-aħħar tas-sena.<br>• Innutat li l-kollettur tal-iskart qed iħallat l-iskart. Il-ġurnata kienet is-Sibt.<br>• Ħdejn il-ħanut Chef Choice fi Triq Bronja hemm bżonn mera. Ma kienx hemm qbil, għaliex mit-triq tista tara sew minn ġej minn kull naħa.<br>• Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin hemm bżonn bozza. Kien hemm qbil li jekk ir-residenti jaqblu li titwaħħal mar-residenza tagħhom, tiġi ordnata.<br>• Nitolbu update tal-monument tat-Tabiba Sciberras. Is-Sindku ser terġa tkellem lil min hu ikkonċernat u tirreferiha lill-Kunsill. |
| | | |
| 17.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li :<br>• Triq San Mikiel meta ser jitkompla x-xogħol mill-WSC. Is-Sindku qalet li x-xogħol twaqqaf minħabba l-festi.<br>• Sqaq Oswarju – bozza ma tixgħelx – is-Segretarju Eżekuttiv qalet li issa ġiet irregolarizzata u l-Enemalta ser tixgħelha. |
| | | |
| 17.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li:<br>• Vjal il-Blue Grotto hemm parti minnha bil-konkos. Jeħtieġ li issir tarmak għax perikoluża għall-muturi.<br>• Ir-round about ta' Vjal ix-Xarolla jeħtieġ li tissebbaħ.<br>• Biex titwessa l-bankina fi Triq il-Qrendi fejn hemm il-bankijiet, biex ikunu jistgħu jgħaddu b'pushair, jew wheelchair. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jifraħ lill-Kap tal-Oppożizzjoni l-ġdid għall-ħartra tiegħu. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| ***17.5*** | | ***Tender – Printing Services of Stationery and Printed material*** |
| | | |
| 17.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tender waslet biex tagħlaq u jeħtieġ li terġa toħroġ l-offerta. Kien hemm qbil fuq dan. Il-persuni li ser ikunu fil-bord tal-aġġudiazzjoni jkunu l-istess persuni li jaġġudikaw it-tenders – il-Kunsilliera Daniel Muscat u Kyle Mifsud, flimkien ma persuna barra mill-kunsill. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***17.5*** | | ***Carrying capacity.*** |
| | | |
| 17.5.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud f'isem il-Kunsilliera tal-PN qal li ser iressaq mozzjoni. Il-Kunsillier Dino Bonnici ssekonda l-mozzjoni li qara. **Dok Mehmuż numru 2**.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill irid jara jekk jaċċettax li l-Kunsill jitkellem mal-Awtoritajiet ikkonċernati biex jitlob l-informazzjoni mitluba. L-informazzjoni li l-Kunsill jista jiġbor mill-Awtoritajiet hi bżonjuża għall-Kunsill.<br><br>Is-Sindku qalet li l-Kunsill m'għandux fondi biex jagħmel dan l-istħarriġ. Is-Sindku qalet li dan l-istudju għandu jagħmlu l-Gvern Ċentrali u mhux il-Kunsillm għaliex dan hu oltre mix-xogħol li jrid jagħmel il-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato staqsiet x'ser jinbidel jekk ser isir dan l-istudju. Hemm affarijiet ma jistgħux jitreġġaw lura milli huma diġà. Tat eżempju bl-akwa kultura li għandhom professjonalisti huma stess biex jagħmlu studju fuq hekk. Il-Kunsill qatt ma ġie f'pużizzjoni li jkollu bżonn dan l-istudju u xorta hemm l-awtoritajiet li qed jagħmlu tali studju fejn jikkonċernaw is-sezzjoni tagħhom u meta l-Kunsill jiġi l-bżonn, jistaqi lill-awtorita ikkonċernata minn tali suġġett.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li f'din il-mozzjoni m'hemmx element partiġjan.<br><br>Il-Kunsilliera Kyle Mifsud, Dino Bonnici u Marilyn Sammut qablu mal-mozzjoni. Is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Jeremy Coleiro, Marisa D'Amato u Kenneth Farrugia ma qablux. Il-mozzjoni ma għaddietx. |
| | | |
| | | |
| ***17.6*** | | ***Rikonoxximent tal-persuni li ma jkunux attendew għall-attivita tal-għoti tal-Ġieh*** |
| | | |
| 17.6.1 | | Is-Sindku qalet li wara ħafna insistenza mill-Kunsillier Kenneth Farrugia u mill-Ex Kunsillier Joseph D'Amato, hi sejħet laqgħa mal-ex Kunsillier Joseph D'Amato u infurmatu li għalkemm hi kellha f'moħħha li tagħti l-ġieh li ma kienx ha, (minħabba li ma kienx preżenti) f'attiva tal-Kunsill, minħabba l-insistenza tagħtu l-ġieħ dak il-ħin tal-laqgħa. Il-kapitlu issa magħluq.<br><br>Is-Sindku qalet li meta l-Ex Sindku Silvio Izzi Savona ma kienx attenda ma kienx ħa t-tifkiera tal-ġieh u dan urietu dak il-ħin tas-seduta. Issa hi ssuġġeriet li ser jtagħti din it-tifkira lis-Sur Izzi Savona waqt laqgħa li ser tagħmel miegħu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>Hi qalet li g ħall-attività simili min ma jistax jattendi għandu jibgħat lil persuna oħra tiġbru f'ismu.<br><br>Kien hemm qbil li għandu jinbidel ir-regolament li hemm fir-regolamenti tal-Ġieh, li jekk il-persuna li tkun ser tieħu l-Ġieh, ma tattendiex għall-attivita ta' Ġieh iż-Żurrieq, l-ġieh jieħdu xorta wara l-ewwel seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***17.8*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***17.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 17.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Fuq il-ħnejja (Blue Grotto) il-Kunsill ġie mitlub li tintrama gabbana, biex tbiegħ ikel, xorb mhux alkaħoliku, u prodotti tat-tabakk. Dan jixtieq li l-Kunsill jagħtih permess biex ikun jista jġib id-dawl minn kaxxa tal-Enemalta li diġà tinsab eżistenti fil-ġemb tal-ħajt, qabel tinżel lejn il-belle veder. Sid il-gabbana kien kuntrattur tal-bankini u qal li hu lest li jaqla parti mill-wiċċ tal-bankina biex idaħħal cable minn taħt il-bankina u wara jerġa jagħmel il-bankina kif kienet. Ix-xogħol ikun garantit żgur peress li hu kuntrattur fuq il-bankini. Ma kienx hemm qbil fuq dan. Ġaladarba l-kunsill ma aċċettax lil hawkers oħra jkollhom id-dawl, il-Kunsill ma qabilx li jaċċetta dan il-hawker. Il-Kunsill aċċetta li jkun hawker biss.<br>• Persuna trid ittella wirja ta' arti fil-Mitħna tax-Xarolla għal 3 t'ijiem, bejn is-16 ta' Novembru u t-8 ta' Diċembru. Kien hemm qbil fuq dan u li jsir tip ta' kuntratt, li l-biċċiet tal-arti ser ikunu responsabiltà tiegħu biss u li jridu jitneħħew, immedjatament kif tispiċċa l-wirja. Kien hemm qbil li jkun hemm kuntratt bejn il-Kunsill u l-persuna li ser tagħmel il-wirja. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li tkellmet mal-persuna biex il-wirja issir ukoll fil-cat cafe.<br>• Persuna minn Triq Vincenzo Caruana trid bollard flessibbli fejn hemm parkeġġ ta' mutur, minħabba li minflok mutur qed jipparkjaw vetturi u jimblokkaw l-aċċess tal-garage tieghu. Kien hemm qbil li ssir tabella ta' mutur sabiex il-pulizija jieħdu azzjoni.<br>• Il-Kunsill ġie mitlub biex jgħolli l-pagament tal-konsulent tal-PA minn 60E għall-100E. Dan għaliex il-Kunsill kien ħatar żewġ konsulenti bl-istess pagament u għal din l-aħħar sena x-xogħol għamlu kollu konsulent wieħed bl-istess pagament, peressli konsulent minnhom irreżenja. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Is-Sindku ġiet mistiedna tattendi għall-protesta tal-Unti-occupancy f'Morphou u għall-assemblea tal-paċi f'Novembru li ser tkun qed tattendi mal-Viċi Sindku Ignatius Farrugia. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Suġġeriment biex jitneħħa parkeġġ minn Triq San Martin biex iservi għal-parkeġġ tar-roti u muturi. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex fi Triq Morphou f'Bubaqra issir U bar fil-kantuniera, għaliex vetturi kbar qed jitilgħu l-bankina u jkissru l-gallarija ta' residenta. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Petizzjoni biex issir sleeping policeman fi Triq Dun Nard Mallia. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil fuq dan. **Dok 3 mehmuż**<br>• Resident minn Triq San Bartilmew talab li xi ħadd mill-Kunsill jmur fuq il-post fejn hemm bankina dejqa u li fl-aħħar seduta kien hemm qbil li titneħħiet il-junction box minn quddiem bieb ta' residenza biex jara x'jista jsir. Kien hemm qbil li din il-persuna diġi mistiedna fis-seduta li jmiss. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 17.9.2 | | Devoluzzjoni tax-Xelter numru 23 fi Triq il-Kbira k/m Triq Iċ-Ċombini. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill Lokali beda jaħdem fuq id-devoluzzjoni tax-Xelter. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 17.9.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' affarijiet li l-Kunsill għandu bżonn li jneħħi mill-kotba tiegħu għaliex tkissru/m'għadhomx jintużaw/inbidlu f'oħrajn ġodda. Tali oġġetti inxtraw mis-sena 1995 'l quddiem. **Dok 1 mehmuż.** |
| | | |
| ***17.10*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 17.10.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 53. |
| | | |
| ***17.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 17.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' €113,696.00.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Dino Bonnici u mill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia. |
| | | |
| ***17.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 17.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 7 ta' Ottubru, 2025, fis-6:00 filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' Ottubru, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**